



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 25 ta' Mejju 2007 (04.06)
(OR.en)**

**9918/07
ADD 3**

**Fajl Interistituzzjonali:
2006/0269 (CNS)**

**AGRI 163
AGRIORG 52**

ADDENDUM GĦAN-NOTA

minn:	Presidenza
lil:	il-Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura
Nru dok. preċ.:	6887/07 + ADD 1, 7330/07
Nru prop. Cion:	dok. 16715/06 - COM(2006) 822 finali
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli - Pakkett ta' compromess tal-Presidenza = aktar emendi

Bħala parti mill-pakkett ta' compromess tal-Presidenza u wara l-Grupp ta' Ħidma tat-23 ta' Mejju 2007, id-delegazzjonijiet ser isibu meħmużin aktar emendi għall-abbozz tarRegolament (dok. 9918/07 ADD 1), ippreparati f'konsultazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni (Anness).

Premessa (108)

Għandu jkun previst li l-bidla mis-CMOs eżistenti għal dan ir-Regolament tapplika biss sa mill-bidu tas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti kkonċernati. Għalhekk, ir-Regolamenti rispettivi għandhom ikomplu japplikaw sa l-aħħar tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni korrispondenti 2007/2008. Fejn mhuma qed jiġu stipulati l-ebda snin ta' kummerċjalizzazzjoni, dan ir-Regolament għandu, **bħala regola ġenerali**, jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2008 u r-Regolamenti rispettivi tas-CMOs eżistenti għandhom, għalhekk, ikomplu japplikaw sa dak il-mument. **Rigward ċerti setturi oħrajn li għalihom ma huma previsti l-ebda snin ta' kummerċjalizzazzjoni, bidla bla xkiel mis-CMOs eżistenti għal dan ir-Regolament titlob ukoll perijodu transizzjonali itwal.** Rigward ir-Regolament (KE) Nru 386/90 [...], il-kompetenza għall-adozzjoni tas-sustanza trattata minn dak [...] ir-Regolament qed tiġi trasferita lill-Kummissjoni b'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolamenti (KEE) Nru 3220/84, (KEE) Nru 1186/90, (KEE) Nru 2137/92 u (KE) Nru 1183/2006 qed jiġu revokati b'dan ir-Regolament waqt li ċerti partijiet ta' dawk ir-Regolamenti qed jiġu trasferiti għal dan ir-Regolament. Aktar dettalji li bħalissa jinsabu f'dawk ir-Regolamenti għalhekk ser ikollhom jiġu trattati f'regoli li għad irid jiġu adottati mill-Kummissjoni. Għandu jitħalla f'tit aktar żmien biex il-Kummissjoni tistabbilixxi r-regoli rispettivi. Ir-[...] Regolamenti msemmijin għandhom għalhekk ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2008.

*Artikolu 14****Butir***

1. *(bla tibdil)*
2. Ladarba l-prezzijiet tas-suq tal-butir fl-Istat Membru jew l-Istati Membri kkonċernati, matul perijodu rappreżentattiv, huma 92% jew aktar tal-prezz ta' referenza, il-Kummissjoni, mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 188 (~~21~~), għandha tissospendi x-xiri b'intervent pubbliku.

(it-tieni subparagrafu bla tibdil)

3. *(bla tibdil)*

Artikolu 36

Regoli rigward ħżin

1. – 5. *(bla tibdil)*

6. Kwalunkwe aġenzija li tħallas li qed taġixxi **skond** il-paragrafi 1, 2 u 3 għandha tibqa' responsabbli għall-prodotti maħżunin barra t-territorju ta' l-Istat Membru li hija taqa' fil-ġurisdizzjoni tiegħu.

7. *(bla tibdil)*

Artikolu 62

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima:

(a) – (j) *(bla tibdil)*

(k) "kwota disponibbli" tfisser kwota disponibbli għal produtturi fil-31 ta' Marzu tal-perijodu ta' tnax-il xahar li għaliha **hija kkalkulata l-imposta fuq il-bilanċ favorevoli**, ~~kwota hija stabbilita~~, b'kont meħud tat-trasferimenti, il-bejgħ, il-konverżjonijiet u r-riallokazzjonijiet temporanji kollha previsti fir-Regolament li saru matul dak il-perijodu ta' tnax-il xahar.

Artikolu 131

Kalkolu ta' dazji ta' importazzjoni għal ross bla ħliefa

1. - u 2. *(bla tibdil)*

3. Il-kwantità ta' referenza annwali għandha tkun ta' 449 678 tonnellata. ~~Il-kwantità ta' referenza parzjali għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tikkorrispondi għal Nofs il-kwantità ta' referenza annwali.~~

Il-kwantità ta' referenza parzjali għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandha tikkorrispondi għal Nofs il-kwantità ta' referenza annwali.

Artikoli 182

Komunikazzjonijiet fis-settur ta' l-alkoħol etiliku

1. *(bla tibdil)*

2. Abbażi ta' l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, il-Kummissjoni mingħajr l-assistenza tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 188(12), għandha tfassal bilnaċ Komunitarju għas-suq ta' l-alkoħol etiliku ta' oriġini agrikola għas-sena preċedenti u bilanċ stmat għas-sena preżenti.

(It-tieni u t-tielet subparagrafu bla tibdil)

3. *(bla tibdil)*

Artikolu 194

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1184/2006

(1) *(bla tibdil)*

(2) L-Artikolu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi r-regoli li għandhom jiġu applikati rigward l-applikabbiltà ta' l-Artikoli 81 sa 86 u ċerti dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 88 tat-Trattat b'rabta ma' prodotti ta', jew kummerċ fi, il-prodotti elenkati fl-Anness I tat-Trattat bl-eċċezzjoni tal-prodotti msemmijin fil-**punti (a) sa (h), il-punt (k) u l-punti (m) sa (u) ta' l-Artikolu 1(1) u l-Artikolu 1(3)** tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru [XXX]*. ~~bl-eċċezzjoni tal-prodotti msemmijin fil-punti (h), (i) u (l) tal-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.~~

Artikolu 1a

(bla tibdil).”

Artikolu 195

Revoki

1. Ir-Regolamenti li ġejjin huma revokati:

- (a) ir-Regolamenti (KEE) Nru 234/68, (KEE) Nru 827/68, (KEE) Nru 2517/69, (KEE) Nru 2728/75, ~~(KEE) Nru 2729/75, (KEE) Nru 2759/75, (KEE) Nru 2763/75, (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75, (KEE) Nru 2785/75,~~ (KEE) Nru 1055/77, (KEE) Nru 2931/79, (KEE) Nru 1358/80, (KEE) Nru 3730/87, (KEE) Nru 4088/87, ~~(KEE) Nru 1906/90, (KEE) Nru 2075/92, (KEE) Nru 2077/92,~~ (KEE) Nru 404/93, ~~(KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 2529/2001,~~ (KE) Nru 670/2003, (KE) Nru 797/2004, ~~(KE) Nru 1952/2005 u (KE) Nru 1028/2006~~ sa mill-1 ta' Jannar 2008;
- b) ir-Regolamenti (KEE) Nru 707/76, (KE) Nru 1786/2003, (KE) Nru 1788/2003 u (KE) Nru 1544/2006 sa mill-1 ta' April 2008;
- (ċ) ir-Regolamenti **(KEE) Nru 2729/75, (KEE) Nru 2759/75, (KEE) Nru 2763/75, (KEE) Nru 2771/75, (KEE) Nru 2777/75, (KEE) Nru 2782/75,** (KEE) Nru 1898/87, **(KEE) Nru 1906/90,** (KEE) Nru 2204/90, **(KEE) Nru 2075/92, (KEE) Nru 2077/92,** (KEE) Nru 2991/94, (KE) Nru 2597/97 **(KE) Nru 1254/1999,** (KE) Nru 1255/1999, (KE) Nru 2250/1999, (KE) Nru 1673/2000, **(KE) Nru 2529/2001,** (KE) Nru 1784/2003, (KE) Nru 865/2004 u (KE) Nru 1947/2005 **(KE) Nru 1952/2005 u (KE) Nru 1028/2006,** sa mill-1 ta' Lulju 2008;
- (d) ir-Regolament (KE) Nru 1785/2003 sa mill-1 ta' Settembru 2008;
- (e) ir-Regolament (KE) Nru 318/2006 sa mill-1 ta' Ottubru 2008;
- (f) ir-Regolamenti (KEE) Nru 3220/84, (KEE) Nru 386/90, (KEE) Nru 1186/90, (KEE) Nru 2137/92, u (KE) Nru 1183/2006 sa mill-1 ta' Jannar 2009.

2. id-Deċiżjoni 74/583/KEE hija revokata sa mil-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 198
Dħul fis-seħħ

1. *(bla tibdil)*
2. Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Madankollu, huwa għandu japplika:

(a) rigward iċ-ċereali, iż-żrieragħ, **il-ħops, iż-żejt taż-żebbuġa u ż-żebbuġ tal-mejda, u l-kittien u l-qanneb, it-tabakk mhux ipproċessat, iċ-ċanga u l-vitella, il-laħam tan-nagħaġ u l-laħam tal-mogħoż**, is-settur **tal-bajd u tat-tjur**, mill-1 ta' Lulju 2008;

(b) - (g) *(bla tibdil)*

(h) rigward l-iskali Komunitarji għall-klassifikazzjoni ta' karkassi msemmin fl-Artikolu 39(1), mill-1 ta' Jannar 2009;

L-Artikoli 24, **36 u 165** għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2008 **u l-Artikoli 143 sa 146 mill-1 ta' Lulju 2008** għall-prodotti kollha kkonċernati.

3. *(bla tibdil)*
4. *(bla tibdil)*
